MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 753/2004

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Anthony Borg u l-istess Anthony Borg f'ismu proprju u b'rikors tad-19 ta' Mejju, 2004 Atlas Insurance Limited assumiet l-atti minflok Atlas Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Jesper Scerri**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm234.40c (mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u erbghin centezmu) rapprezentanti danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura NIN 999 assikurata comprehensive hlief ghal Lm50 (hamsin lira Maltin) excess u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Anthony Borg u dan billi fl-4 ta' Lulju 2003,

gol-Mellieha waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura FAV 789 habat mal-vettura NIN 999 proprjeta' ta' Anthony Borg u misjuqa minnu u ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm234.40c (mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u erbghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------